# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 184 :: SETTEMBRU 2011

***Editur: Paul Vella***


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Kif tafu, il-laqgħat tagħna issa qed jerġgħu jibdew isiru kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar. Nisperaw li issa t-temp jerġa' jkun aħjar. Għalhekk, il-laqgħa li tmiss se tkun nhar il-**Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2011 fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm.** Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri.

***<u>Jikteb il-ħabib membru tagħna, Fred Cachia</u>***

## "SANTWARJU" ktieb ġdid tal-membru tagħna, Joe Saliba

Il-kittieb Joe Salib hu wieħed interessanti ħafna fil-Letteratura Maltija. Xejn ma jimporta li ismu mhux popolari daqs l-oħrajn: Pisani, Chetcuti, Rużar, Anton u x'naf jien. Joe kbir u kbira hi kitbietu. Għandu stil differenti ħafna. Vrużu eżatt u m'hemmx tqanżiħ, mexxej bla tiġbid, bla biża, modern u jiskappa termini imġebbda mill-Ingliż jew Taljan. Il-Malti ta' Joe, perfett.

Fil-ħsieb, Joe, ċar ħafna u profond, bla ebda dawrien mal-lewża, fi twemminu sod u jafu sewwa, taqbel miegħu jew le.

Joe jagħtina stampa ċara ħafna u kultant bħal meta timxi ħafi, ma ċertu vrus, u f'daqqa tolqot subgħajk iż-żgħir, tieħu xokk. F'ħafna mill-poeżiji tiegħu hemm bħal barma u tintebaħ x'sengħa għandu l-imgħallem fil-kitba. Il-ktib "SANTWARJU", biċċa xogħol oħra ta' poeta kbir.

## TMUT IS-SINJURA NELLIE BORG

Naħseb li ħafna minnkom smajtu bil-mewt tas-Sinjura Nellie Borg, il-mara tas-Sur Paul Borg, Teżorier tal-Kunsill Malti tal-Victoria. Aħna konna ilna nafuha għal ħafna snin u dejjem kienet waħda li tħobb dak kollu li hu Malti, speċjalment fis-smigħ tal-programmi Maltin fuq ir-radju u t-televiżjoni. Il-Funeral sar nhar il-Ħamis, l-1 ta' Settembru, fil-Knisja ta' San Pawl, Sydney Road, Coburg, fejn numru kbir attendew. Il-President, il-Kumitat u l-Membri kollha tal-Grupp Letteratura Maltija jibagħtu l-kondoljanzi tagħhom lis-Sur Paul Borg u l-familja kollha. Agħtiha, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

## QUDDIESA GĦALL-EMIGRANTI U R-REFUĠJATI 2011

Nhar il-Ħadd, 28 t'Awwissu, ġiet organizzata Quddiesa Għall-Emigranti u r-Refuġjati fil-Kattidral ta' San Patrizju, East Melbourne. Din il-Quddiesa tiġi ċċelebrata kull sena u għaliha jattendu ħafna nies ta' nazzjonijiet differenti, inklużi l-Maltin, għalkemm in-numru tagħna ma tantx ikun kbir. Din is-sena wkoll ma tantx kien hemm Maltin u dan naħseb kien minħabba li ħadd ma bagħat avviżi lill-programmi Maltin ta' fuq ir-radju. Il-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-Arċisqof ta' Melbourne, Denis Hart, DD. Is-Sur Alfred Asciak kien dak li pprova jorganizza kollox waħdu dak inhar. Huwa ġarr il-Bandalora Maltija bis-Salib ta' San Ġwann, bandalora li hi waħda antika ħafna bi storja warajha. Is-Sinjura Phyllis Vella, Segretarja tar-Reskeon Maltese Association ħadet sehem fir-Rużarju fejn irreċitat is-"Sliema" bil-Malti f'kull Posta. Wara ġbarna ftit Maltin għal ritratt mal-Istatwa tal-Madonna u l-Bandalora Maltija. Paul u Salvina Vella rappreżentaw il-Grupp Letteratura Maltija.



# Lejla Mużiko-Letterarja

## il-Ħadd, 18 ta' Settembru, 2011 - fis-2 pm

### fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville

***Ejjew u ġibu lil tal-familja u lil ħbiebkom magħkom***

***Il-Komunita` Maltija mistiedna li tattendi — Dħul b'xejn!***

***Ħamsin sena mill-mewt tal-poeta nazzjonali***

# IL-ĠBIR TAL-POEŻIJI KOLLHA BIT-TALJAN U BIL-MALTI TA' DUN KARM



**Riċerka ta' ħamsa u tletin sena minn Oliver Friggieri — *L-Ewwel Parti***

*Oliver Friggieri ġabar għall-ewwel darba l-poeżiji kollha ta' Dun Karm, kemm bil-Malti u kemm bit-Taljan. Dawn ħarġu fil-volum Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar, 1980) u fil-volum Dun Karm - Le poesie italiane (Malta University Press, 2007). F'dan l-artiklu huwa jitkellem fuq l-esperjenza tiegħu fil-ġbir ta' din l-ewwel edizzjoni kompleta, xogħol li ħa ħamsa u tletin sena.*

## Il-poeta wild il-Malti u t-Taljan

Fl-ambjent tal-iskola governattiva ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn Dun Karm Psaila (1871-1961) beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fl-1878, is-sistema tat-tagħlim kienet iddur madwar il-lingwa Taljana. Huwa kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Minuri fejn iż-żewġ oqsma ewlenin tal-istudju kienu l-Latin u t-Taljan, u hekk baqgħu għal ħafna għexieren ta' snin wara. Fis-Seminarju Maġġuri, fejn huwa segwa l-kors biex isir qassis, it-tradizzjoni kulturali Taljana kienet fl-aqwa tagħha. Il-kors letterarju ewlieni ma setax ma jkunx mibni fuq l-għarfien tal-Istorja tal-Letteratura Taljana, minn Dante u Petrarca sa għallinqas ir-romantiċi ewlenin, bħal Foscolo u Manzoni.

Dawn u oħrajn Taljani huma bħallikieku l-persunaġġi li jimlew it-tradizzjoni letterarja Maltija stess, u fl-ambjent tematiku-formali tagħhom setgħet titrawwem il-kitba ġdida bil-lingwa lokali, imrawma hi wkoll, minn wara ż-żmien Għarbi 'l hawn, f'kuntest neo-Latin.

Żmien twil wara, fl-1945, meta kien ilu madwar tlieta u tletin sena li beda jikteb bil-Malti, Dun Karm stqarr li t-Taljan kien l-ewwel ilsien li ġie mgħallem lilu u kien jogħġbu ħafna. Fil-fatt, il-kitba tiegħu bit-Taljan, anki dik li tmur lura sas-snin bikrija, hi eżempju ta' lingwa mħaddma tajjeb ħafna. Aktar ma kompla jikteb il-poeżija, aktar jidher li beda jitbiegħed mill-mudelli rettoriċi tal-letteratura klassika u neo-klassika. Minn stil klassikeġġjanti, elaborat anki bi skop ta' eleganza fiha nnifisha, għadda għal espressjoni romantika, wisq eqreb lejn il-forom tat-taħdit ta' tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

Mill-1912, meta beda jikteb bil-Malti, huwa kompla jesprimi ruħu skont il-lezzjonijiet il-kbar tat-tradizzjoni għanja li trabba fiha, u l-Malti tiegħu huwa eżempju ta' poeta kolt ħafna. Hemm wirt kulturali sħiħ li jispjega l-identità artistika tiegħu. Fl-introduzzjoni "L'identità culturale di Dun Karm", li ppreżentajt fil-bidu tal-volum Le poesie italiane, għandha tidher sewwa l-firxa kulturali li torbtu b'mod storikamemt leali mad-dinja letterarja Taljana, il-ħamrija li fiha setgħet tinbet il-letteratura Maltija bil-Malti. Qabel dik il-fażi, li Dun Karm jirrappreżentaha bl-opra tiegħu, hemm il-letteratura Maltija bit-Taljan. Dan kollu tispjegah il-kritika komparata, u jinstab imlaqqa' fil-personalità kumplessa ta' dan il-poeta, f'salib-it-toroq ta' żewġ esperjenzi, Maltija u Taljana, li issa kellhom jingħaqdu f'waħda. Is-sena 1912 hi indikazzjoni ta' din is-sintesi.

Dun Karm kompla jikteb bit-Taljan anki wara li ħa d-deċiżjoni li jibda jikteb bil-Malti, kif turi l-kronoloġija tal-kitbiet tiegħu. Madankollu huwa ma tantx kien ifittex li jippubblika jew jiġbor il-poeżiji. Kemm fil-każ tal-poeżiji tiegħu bil-Malti, u kemm fil-każ tal-poeżiji bit-Taljan, jien u nfittex ix-xogħlijiet imxerrdin tiegħu sibt li kienu diversi dawk ix-xogħlijiet li issa kienu se jkunu ppubblikati għall-ewwel darba, f'dawn il-ġabriet kompleti.

Poeta jista' jiġbor hu stess il-poeżiji tiegħu matul ħajtu, jew inkella jkollhom ikunu l-kritiċi li jagħmlu dan għalih, aktarx wara mewtu. Dan hu l-każ ta' Dun Karm, każ ta' xi ħadd li relattivament kiteb ħafna, u li sa mewtu hu stess baqa' ma ġabarx ix-xogħlijiet tiegħu (bil-Malti, bit-Taljan, u anki l-ftit versi li kiteb b'gost partikolari bl-Ingliż, u bl-Esperanto).

B'dawn il-ftit ħsibijiet nista' nirrakkonta fil-qosor il-proċess twil li segwejt biex ġbart il-poeżiji li Dun Karm kiteb bit-Taljan bejn l-1889 u l-1946, u li kiteb bil-Malti bejn l-1912 u l-1954c. (skond data ta' kitba, jew pubblikazzjoni). Dwar ix-xogħol li jikkonċerna l-ġbir tal-poeżiji tiegħu bil-Malti wieħed jista' jara l-artiklu tiegħi "L-esperjenza tiegħi fl-istudju ta' Dun Karm u fil-ġbir tal-poeżija tiegħu", ippubblikat fil-ktieb Dun Karm Psaila - Ħsibijiet u Tifkiriet (ed., Emmanuel Cutajar, Pubblikazzjoni Kunsill Lokali - Żebbuġ, 2001, pp. 21-35).

## Il-bżonn ta' ġabra sħiħa tal-poeżiji

Sa ma miet fl-1961 Dun Karm kien għad kellu l-poeżiji tiegħu, bit-Taljan u bil-Malti, imxerrdin sa fil-postijiet l-inqas mistennija. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru, u dan kien proġett diffiċli ħafna li jiena dħalt għalih fil-bidu tas-snin sebgħin. Fil-bidu tas-snin sebgħin kont qiegħed naħdem fuq it-teżi Għall-Grad ta' M.A. bl-isem "La cultura italiana in Dun Karm" (1975), li mbagħad fl-1978 kienet ġiet ippubblikata bħala volum minn Leo S.Olschki ta' Firenze fil-Kullana 'Biblioteca dell'Archivum Romanicum', u bl-isem La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm.

Għall-Grad ta' Ph.D. ħdimt fuq it-tema 'La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese'. Din it-teżi, ippreżentata fl-1978, ħarġet bħala volum bl-isem Storia della letteratura maltese mill-Edizioni Spes ta' Milazzo fl-1986. Lit-test oriġinali Taljan tiegħi kont diġà qlibtu għall-Malti sadanittant, biex ħareġ il-volum Storja tal-Letteratura Maltija mill-Klabb Kotba Maltin fl-1979. Parti importanti minn dan ix-xogħol hi dwar l-identità romantika ta' Dun Karm.

Dan ifisser li kelli nassigura li jkolli quddiemi t-testi kollha ta' Dun Karm, bil-Malti u bit-Taljan, poeżija u proża, fosthom dawk li ma kienu xejn magħrufa u lanqas ippubblikati, u oħrajn li setgħu jinstabu. Bħala punt ta' tluq ittieħdu ż-żewġ listi ta' Ninu Cremona (1964) u Ġużè Cardona (1967). Mill-kotba li Dun Karm xandar hu nnifsu u mit-tliet kotba ta' Ġużè Bonnici (1939-40) u l-antoloġija ta' Ġużè Aquilina (1946) stajt nibni l-kwadru tal-opra sa dak iż-żmien

***Ikompli fil-ħarġa ta' Ottubru***

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**